



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija*

---

**2013/2038(INI)**

4.6.2013

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar l-implimentazzjoni u l-impatt tal-miżuri għall-effiċjenza enerġetika fil-qafas tal-Politika ta' Koeżjoni  
(2013/2038(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Miloslav Ransdorf

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-Parlament diġà adotta r-rapport dwar ir-rwol tal-politika ta' koeżjoni tal-UE u l-atturi tagħha fl-implimentazzjoni tal-politika Ewropea l-ġdida dwar l-enerġija, u li dan ir-rapport ikopri wkoll kwistjonijiet dwar l-effiċjenza enerġetika;
2. Jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni se jkollha rwol importanti fl-implimentazzjoni tal-miżuri neċessarji biex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni li jinkiseb iffrankar ta' 20 % tal-konsum tal-enerġija primarja sal-2020, u biex tittwitta t-triq għal aktar titjib fl-effiċjenza enerġetika lil hinn minn dik id-data;
3. Jinnota li l-objettiv primarju tal-politika ta' koeżjoni jibqa' t-tnaqqis tad-diskrepanzi ekonomiċi, soċjali u territorjali bejn ir-reġjuni, u jikkunsidra li l-politiki dwar l-effiċjenza enerġetika m'għandhomx jinterferixxu ma' dan l-objettiv; jenfasizza li wħud mill-iktar reġjuni fqar tal-UE jaf ikollhom prijoritajiet differenti u l-ewwel nett ikunu jirrikjedu investiment f'oqsma oħrajn; jenfasizza li s-saħħa tal-politika ta' koeżjoni tinsab fl-flessibbiltà tagħha u l-amministrazzjoni deċentralizzata ta' fondi fil-livell lokali;
4. Jinnota li l-investiment fl-effiċjenza enerġetika jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku, l-impjiegi, b'mod partikolari fil-livell lokali u dak reġjonali, l-innovazzjoni, l-indipendenza enerġetika u t-tnaqqis tal-faqar enerġetiku fl-unitajiet domestiċi, u b'hekk jista' jagħti kontribut pożittiv għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; jenfasizza li l-allokazzjoni ta' fondi għandha tkun ibbażata fuq prinċipji ta' proporzjonalità, kosteffettività u effettività ekonomika u li m'għandhiex iżżid il-piżijiet amministrattivi;
5. Jenfasizza li l-burokrazija u n-nuqqas ta' ċarezza proċedurali għamlu l-aċċess għall-Fondi Strutturali u għall-Fond ta' Koeżjoni diffiċli u qatgħu qalb daww l-atturi li għandhom l-aktar bżonn tali finanzjament milli japplikaw; jappoġġa, għalhekk, is-simplifikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri, it-tneħħija tal-burokrazija, u ż-żieda tal-flessibbiltà fl-allokazzjoni ta' dawn il-fondi kemm fil-livell tal-UE u kemm f'dak nazzjonali; jemmen li s-simplifikazzjoni se tikkontribwixxi għall-allokazzjoni effiċjenti tal-fondi, rati ogħla ta' assorbiment, anqas żbalji u perjodi aktar qosra ta' ħlas, u se tippermetti lill-ifqar Stati Membri u reġjuni jieħdu vantaġġ sħiħ mill-istrumenti finanzjarji maħsuba biex jitnaqqsu d-diskrepanzi reġjonali u interstatali; iqis li jrid jinstab bilanċ bejn is-simplifikazzjoni u l-istabilità tar-regoli u l-proċeduri;
6. Jenfasizza li l-Istati Membri m'għandhomx jistennew l-iskadenza finali għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/31/KE u għandhom jinvestu fl-iżvilupp ta' materjali u teknoloġiji ġodda u aktar effiċjenti fl-enerġija għall-għanijiet tal-ħolqien tal-impjiegi, l-irkupru industrijali u ż-żieda fil-kompetittività tar-reġjuni tal-UE;
7. Jenfasizza l-benefiċċji potenzjali disponibbli skont l-inizjattivi JESSICA u ELENA għall-investiment fl-enerġija sostenibbli fil-livell lokali, bil-għan li tingħata għajnuna lil bliet u reġjuni sabiex jibdeu proġetti ta' investiment vijabbli fl-oqsma tal-effiċjenza enerġetika, u

jitlob promozzjoni ta' dawn l-inizjattivi;

8. Iqis li hu ta' importanza assoluta li jkunu jistgħu jintużaw il-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni u strumenti finanzjarji u ta' lieva oħrajn għall-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari fis-settur tad-djar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ixerrdu informazzjoni ċara u faċilment aċċessibbli dwar l-istrumenti finanzjarji, l-inċentivi, l-għotjiet u s-self disponibbli biex jiġu appoġġati proġetti ta' servizz fl-effiċjenza enerġetika;
9. Jenfasizza l-importanza li tiġi integrata d-dimensjoni ta' effiċjenza enerġetika fl-istrateġiji ta' riċerka u innovazzjoni għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti li l-Istati Membri u r-reġjuni se jkollhom ifasslu sabiex ikollhom aċċess għall-finanzjament tal-innovazzjoni skont il-Politika ta' Koeżjoni futura;
10. Huwa mħasseb dwar l-iżviluppi riċenti f'pajjiżi bħall-Bulgarija, fejn il-prezzijiet għoljin tal-enerġija kkawżaw ferment soċjali, u jitlob miżuri mmirati sabiex l-enerġija tkun affordjabbli għaċ-ċittadini normali;
11. Jenfasizza b'mod partikolari l-benefiċċji soċjali potenzjali ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika peress li jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-kontijiet tal-enerġija għall-konsumaturi;
12. Ifakkar b'mod partikolari li l-potenzjal ta' ffrankar tal-enerġija tal-bini u l-akkomodazzjonijiet pubbliċi, li jirrappreżentaw 40 % tal-konsum enerġetiku finali tal-Unjoni, u jhegġegħ lill-Istati Membri jadottaw b'rapidità strateġiji fit-tul lil hinn mill-2020 biex jiġi mobilizzat investiment fir-rinnovazzjoni tal-bini residenzjali u kummerċjali bil-għan li titjieb il-prestazzjoni enerġetika tal-istokk ta' bini, kif mitlub bid-Direttiva 2012/27/EU;
13. Jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2020 il-bini ġdid kollu għandu jkun bini li ma juża kważi l-ebda enerġija, u l-bini ġdid u okkupat ta' proprjetà pubblika għandu jkun bini li ma juża kważi l-ebda enerġija sentejn qabel dan; ihegġegħ għalhekk lill-Istati Membri biex jintesifikaw il-formulazzjoni tal-programmi nazzjonali biex jiżdied l-għadd ta' bini li ma juża kważi l-ebda enerġija u biex jintroduċu dispożizzjonijiet għad-definizzjoni ta' bini li ma juża kważi l-ebda enerġija, li jirriflettu s-sitwazzjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali f'dan ir-rigward;
14. Jenfasizza l-importanza tal-politika ta' koeżjoni, u tar-riżorsi finanzjarji allokati lilha, għall-iżvilupp sħiħ ta' grids u networks intelliġenti, li jirriżultaw f'sistemi ta' enerġija aktar effiċjenti madwar ir-reġjuni, filwaqt li jkun hemm tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u fit-telf tal-enerġija;
15. Jistieden lill-Kummissjoni biex tgħin lill-Istati Membri jtejbu l-kapaċitajiet amministrattivi u l-kanali ta' informazzjoni tagħhom sabiex il-fondi eżistenti jkunu mmirati aħjar; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni biex iħeġġu investiment f'miżuri għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika;
16. Jistieden lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-istabbiliment ta' faċilitajiet ta' finanzjament għal miżuri favur it-titjib tal-effiċjenza enerġetika sabiex jiġu mmassimizzati l-benefiċċji

ta' diversi sorsi ta' finanzjament, kif tirrikjedi d-Direttiva 2012/27/UE; jistieden lill-Kummissjoni biex tassisti lill-Istati Membri fit-twaqqif ta' faċilitajiet ta' finanzjament u biex tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-awtoritajiet jew il-korpi nazzjonali jew reġjonali kompetenti;

17. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex iniedu kampanji ta' informazzjoni dwar il-benefiċċji f'termini ta' kumdità u kontijiet imnaqqsa tas-servizzi bażiċi li jirriżultaw minn żieda fl-effiċjenza enerġetika fir-residenzi; jinnota fl-istess ħin li huwa fir-rigward ta' bini aktar milli unitajiet individwali (eż. appartamenti) li l-miżuri biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika huma l-aktar effiċjenti;
18. Huwa mħasseb dwar is-sejbiet riċenti tal-Qorti tal-Awdituri, li jindikaw li l-investimenti tal-politika ta' koeżjoni fl-effiċjenza enerġetika ma kinux kosteffikaċi b'riżultati tal-implimentazzjoni żbaljata u l-użu ħażin ta' fondi delimitati għal dan il-għan;
19. Jistieden lill-Kummissjoni biex timplimenta bla dewmien ir-rakkomandazzjonijiet li għamlet il-Qorti tal-Awdituri sabiex il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni għall-miżuri favur l-effiċjenza enerġetika jkun suġġett għal valutazzjoni xierqa tal-ħtiġijiet, għal monitoraġġ regolari u għall-użu ta' indikaturi tal-prestazzjoni, kif ukoll għall-użu ta' kriterji trasparenti għall-għażla tal-proġetti u għal kosti standard ta' investiment għal kull unità ta' enerġija li għandha tiġi ffrankata, b'perjodu massimu aċċettabbli tal-irkupru sempliċi.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	30.5.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 42 -: 2 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Amelia Andersdotter, Josefa Andrés Barea, Zigmantas Balčytis, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Fabrizio Bertot, Reinhard Bütikofer, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Vicky Ford, Adam Gierek, Norbert Glante, Jacky Hélin, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Judith A. Merkies, Jaroslav Paška, Vittorio Prodi, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Jens Rohde, Paul Rübig, Amalia Sartori, Salvador Sedó i Alabart, Patrizia Toia, Catherine Trautmann, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Vladimir Urutchev, Adina-Ioana Vălean, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ioan Enciu, Elisabetta Gardini, Roger Helmer, Jolanta Emilia Hibner, Yannick Jadot, Seán Kelly, Vladimír Remek